# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-18 t'April 2024**

**Talba nru. 83/2023**

**AUTO SALES LTD**
**(C431)**

*VERSUS*

**LYDON LAUDI**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fil-15 ta' Marzu 2023 s-socjeta attrici qed titlob lill-intimat ihallas l-ammont ta' elfejn mija hamsa u hamsin Ewro u centezmu (Eur 2155.01) in konnessjoni ma' kiri ta' batterija ghal vetturi. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 3323/2022.

Ra illi l-konvenut ipprezenta risposta fis-17 ta' Mejju 2023 fejn eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fosthom ghaliex ma hemm l-ebda rabta kontrattwali bejn il-partijiet u li ma ntbaghtu l-ebda fatturi tul iz-zmien. Minbarra dan, il-batterija imsemmija ma tiffunzjonax.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel ma' dan it-Tribunal jghaddi ghal kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi ssir sintezi tal-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal.

Mark Testaferrata Moroni Viani fil-kapacita tieghu ta' General Manager xehed permezz ta' affidavit fejn qal illi l-konvenut kien iffirma lease agreement in konnessjoni ma batterija ghal vettura, liema ftehim igib id-data tas-17 ta' Lulju 2018. (Fol.17)

Ix-xhud ighid illi kienu qed isiru pagamenti normali bejn il-perjodu Mejju 2018 u April 2020, izda wara dan il-perjodu, minkejja illi intbaghtu diversi statements, il-konvenut waqaf ihallas. F'email prodotta mix-xhud u li kienet intbaghtet mill-konvenut fid-9 ta' Dicembru 2022 (Fol.18), il-konvenut kien lest li jhallas l-ammonti dovuti kemm-il darba il-batterija tigi mibdula ma' wahda gdida. Nel frattemp, ix-xhud ighid illi l-konvenut qatt ma talab il-kuntratt iffirmat jigi terminat. Ix-xhud jikkonferma illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa relatat ma' renta tal-batterija ghal perjodu Mejju 2020 sa Frar 2023.

Fl-udjenza ta' l-10 t'Ottubru 2023, xehed Clayton Azzopardi li jokkupa l-kariga ta' Chief Financial Officer mas-socjeta attrici. Ix-xhud ighid hekk, "*Mela dan bazikament is-Sur Laudi ghandu agreement data July 2018 ta' lease ta' battery tal-karozzi at sixty three Euro seven cents per month. Meta ftahna l-kawza kien hemm bilanc ta' two one five five zero one pendenti fuqu*."

Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2023, il-konvenut xehed illi s-socjeta Retrams Limited kienet xtrat flotta ta' vetturi minghand is-socjeta attrici. F'wahda mill-vetturi illi inxtraw, kien hemm problema u ghaldaqstant, il-konvenut ighid illi kien gie suggerit lilu li jixtri vettura *secondhand* sabiex jittiehdu l-parts minnha. Fil-fatt din il-vettura kienet inxtrat ghal Eur 3000 mill-konvenut personalment. Il-hsieb kien, illi jittiehdu l-parts minn din il-vettura secondhand sabiex jintuzaw fuq il-vettura l-gdida li kellha l-problemi.

Il-konvenut ighid illi kien ircieva email minn Renault sabiex il-vettura l-gdida li kellha l-problemi ma tizzarmax u sabiex ma jitpoggewx parts minn vettura ohra minhabba li kienet ghadha taht il-garanzija. Is-socjeta Retrams Limited kienet waslet fi qbil illi tirritorna l-vettura lura lis-socjeta attrici.

Il-konvenut ighid illi huwa baqa b'erbatax-il vettura gdida u b'vettura second hand li kellha l-batterija ma tahdimx. Il-konvenut jinsisti a Fol.30 illi huwa ma jaf bl-ebda kuntratt li ffirma ghal kiri ta' batterija.

Mistoqsi direttament mit-Tribunal jaghrafx il-firma fuq il-ftehim li jinsab a Fol.17, il-konvenut ighid hekk: - "*Le. On behalf of Retrams Limited. Jien dan il-kuntratt qatt ma iffirmajtu. Dan il-kuntratt dak huwa mbaghbas. Jurik anbe mis-sinjali u mil-lines li imbaghbas.*"

Fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2024, xehed in kontro ezami Mark Testaferrata Moroni Viani, li rega ipprezenta l-ftehim originali tas-17 ta' Lulju 2018.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza tittratta hlas ghal kirja ta' batterija liema hlas huwa stabbilit minn ftehim li gie iffirmat bejn is-socjeta attrici u l-konvenut fis-17 ta' Lulju 2018, minkejja li dan ta' l-ahhar iqajjem dubju dwar l-awtenticita tal-ftehim.

Illi minkejja illi l-konvenut isemmi s-socjeta Retrams Limited bhala l-entita kummercjali li xtrat il-vetturi l-godda minghand is-socjeta attrici, huwa jikkonferma wkoll illi l-vettura second hand kienet inxtrat personalment minnu. Dan il-fatt huwa konfermat ukoll meta l-istess konvenut ighid

illi s-socjeta Retrams Limited kienet lesta li tixtri din il-vettura minghand il-konvenut. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' l-eccezzjoni imressqa mill-konvenut illi ma hemm ebda rabta kontrattwali bejn il-partijiet, it-Tribunal huwa totalment ta' fehma opposta u johrog b'mod car, minn kliem il-konvenut, illi l-konvenut kellu sehem u involviment personali u dirett fil-ftehim ta' din il-vettura u allura l-batterija li fuqha qed jintalab il-hlas mis-socjeta attrici. Minkejja illi l-konvenut jipprova jxejjen il-veracita jew ossia l-awtenticita tal-ftehim li fuqu tidher il-firma tieghu, l-konvenut ma gab l-ebda prova sabiex jipprova t-tezi tieghu ta' allegazzjoni serja bhal ma hi li l-ftehim kien imbaghbas. Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jichad din l-ewwel eccezzjoni.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal irid jezamina jekk il-hlas mitlub mis-socjeta attrici minghand il-konvenut huwiex dovut. Is-socjeta attrici qed titlob hlas ta' Eur 2155.01 ghal perjodu bejn it-2 ta' Lulju 2020 u t-12 ta' Frar 2023. (Fol.2)

Illi meta wiehed jara l-ftehim datat 17 ta' Lulju 2018 li fuqu s-socjeta attrici qed tibbaza t-talba taghha ghal hlas, dan jistabilixxi li l-perjodu ta' *Lease Term* huwa 24 xahar. Fi kliem semplici, l-konvenut iffirma ftehim ghal kirja ta' batterija ghal 24 xahar li bdew jiddekorru minn Lulju 2018. Il-General Manager tas-socjeta attrici jghid illi qatt ma kien hemm problemi ta' hlas sa April 2020 u cioe sa xaharejn qabel l-iskadenza ta' dan il-ftehim. Dan jidher car anke mid-debitu li beda bih il-konvenut fil-kont tas-socjeta attrici li juri l-ammont ta' Eur 126.14, ekwivalenti ghal xaharejn kirja.

Illi minn imkien ma jidher illi wara l-iskadenza ta' dan il-ftehim, kien hemm xi tentattiv illi jigi mgedded jew isir xi ftehim iehor. Anzi, meta wara sentejn mill-iskadenza kien hemm komunikazzjoni tramite emails, ir-rapprezentant tas-socjeta attrici fl-email tieghu jghid a fol.19, "*I have no recollection of any email requesting cancellations. . .*". Mill-istess skambju ta' emails, johrog car ukoll illi is-socjeta attrici baqghet siekta kemm dwar l-iskadenza tal-ftehim tal-kirja kif ukoll fuq l-ammont li kien qed jiddekorri.

Illi dan it-Tribunal jemmen illi t-talba li qed tressaq is-socjeta attrici hija bbazata fuq ftehim li kien skada u fuq ammonti li jaqghu taht perjodu li mhux kopert bl-ebda ftehim. Dan it-Tribunal ma ra l-ebda evidenza, fejn is-socjeta attrici talbet lill-konvenut sabiex jirritorna l-batterija galdarba l-ftehim kien skada. Dan iwassal lil dan it-Tribunal sabiex jemmen illi s-socjeta attrici qatt ma kienet interessata tiehu lura batterija li ma kienetx funzjonabbli. Izda s-skiet ta' l-istess socjeta attrici intuza sabiex jakkumula kont illi issa qed jigi pretiz minghand il-konvenut.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta attrici ghandha dritt li tiehu l-ammont ta' Eur 126.14 li kienu dovuti ai termini tal-ftehim ta' kirja (Mejju u Gunju 2020) u li jidhru u li huma parti mill-ammont dovut sal-perjodu tal-kirja. Izda kull ammont mitlub barra minn dan il-perjodu mhux sostanzjat bl-ebda prova partikolarment meta l-partijiet kienu konxji, illi tali batterija ma kienetx tahdem u li l-vettura kienet inxtrat ghal parts.

Illi ghaldaqstant, danit-Tribunal sejjer jilqa t-talba attrici parzjalment u sa dak il-perjodu kopert bil-ftehimipprezentat mis-socjeta attrici stess u li fuqu ibbazat it-talba.

**Decide**

**Ghaldaqsant**, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa parzjalment t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' mija sitta u ghoxrin

Ewro u erbatax-il centezmu (Eur 126.14) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-15 ta' Marzu 2023 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur